



*Dokument ta' sessjoni*

**B9-0157/2024**

26.2.2024

# MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

impressqa wara d-dikjarazzjonijiet tal-Kunsill u tal-Kummissjoni

skont l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar il-ħtieġa ta' appoġġ sod tal-UE lill-Ukrajna, wara sentejn ta' gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna  
(2024/2526(RSP))

**Anna Fotyga, Angel Dzhambazki, Ryszard Czarnecki, Jacek Saryusz-Wolski, Bogdan Rzońca, Beata Mazurek, Witold Jan Waszczykowski, Joachim Stanisław Brudziński, Roberts Zile, Elżbieta Rafalska, Veronika Vrecionová, Alexandr Vondra, Jadwiga Wiśniewska, Charlie Weimers, Dominik Tarczyński, Adam Bielan, Eugen Jurzyca, Beata Kempa, Hermann Tertsch**  
f'isem il-Grupp ECR

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-ħtieġa ta' appoġġ sod tal-UE lill-Ukrajna, wara sentsenja ta' gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna (2024/2526(RSP))**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar l-Ukrajna u dwar ir-Russja,
  - wara li kkunsidra l-Kunċett Strateġiku tan-NATO tal-2022,
  - wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra<sup>1</sup>, u ż-Żona ta' Kummerċ Fieles Approfondita u Komprensiva bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukrajna, iffirmit fl-2014,
  - wara li kkunsidra l-applikazzjoni tal-Ukrajna għas-sħubija fl-UE tat-28 ta' Frar 2022, u l-għoti sussegwenti ta' status ta' kandidat mill-Kunsill Ewropew fit-23 ta' Ġunju 2022, abbażi ta' valutazzjoni pożittiva mill-Kummissjoni u f'konformità mal-fehmiet espressi mill-Parlament,
  - wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Prevenzjoni u l-Kastig tad-Delitt ta' Ġenoċidju (il-Konvenzjoni dwar il-Ġenoċidju),
  - wara li kkunsidra l-Istatut ta' Ruma tal-Qorti Kriminali Internazzjonali,
  - wara li kkunsidra l-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti,
  - wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tal-20 ta' Ġunju 2023 għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Faċilità tal-Ukrajna (COM(2023)0338),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi r-Russja, bl-appoġġ tad-dittatur Belarussu Aliaksandr Lukashenka, ilha mill-24 ta' Frar 2022 twestaq gwerra illegali, mhux ipprovokata u inġustifikata ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna, bi ksur ċar tal-Karta tan-NU u tal-prinċipji fundamentali tad-dritt internazzjonali, u kkawżat tbatija u qerda enormi; billi l-aggressjoni ilha li bdiet mill-2014 bl-okkupazzjoni tal-Krimea u ta' partijiet mill-oblasti ta' Donetsk u Luhansk;
- B. billi l-atroċitajiet imwettqa fit-territorji okkupati, kif ukoll l-attakki indiskriminati mill-forzi Russi fuq żoni residenzjali u infrastruttura ċivili, wasslu għal eluf ta' vittmi ċivili, inklużi tfal, u ksur mifruq tad-drittijiet tal-bniedem, u dan jirrifletti disprezz sfaċċat għad-dritt umanitarju internazzjonali; billi din l-imġiba inumana mill-forzi Russi u l-alleati tagħhom tikkostitwixxi delitti tal-gwerra u delitti kontra l-umanità u tirrappreżenta ġenoċidju;
- C. billi t-tmexxija tal-Federazzjoni Russa tiċħad b'mod miftuħ li l-eżistenza tal-Ukrajna

---

<sup>1</sup> ĠU L 161, 29.5.2014, p. 3.

bħala nazzjon u tappella għall-qerda tal-kultura u tal-identità tagħha; billi b'riżultat ta' dan, ir-Russja ppruvat twestaq tindif etniku tal-Ukrajna permezz ta' atroċitajiet tal-massa, każijiet sistematiċi ta' qtil intenzjonat ta' ċivili, deportazzjonijiet tal-massa, it-trasferiment ta' tfal tal-Ukrajna spostati lejn ir-Russja u l-qbid u s-serq tal-patrimonju kulturali tal-Ukrajna fi sforz biex jinqered kull artefatt li juri l-identità nazzjonali awtentika tal-Ukrajna u biex jitħassru l-kultura u s-sovranià tal-istat tal-Ukrajna, li jirrappreżenta ġenoċidju;

- D. billi l-aggressjoni li għaddejjja rriżultat fl-ispostament ta' miljuni ta' Ukreni, kemm internament kif ukoll esternament bħala rifugġjati, u dan aggrava kriżi umanitarja u jeħtieġ appoġġ estensiv għall-popolazzjonijiet affettwati;
- E. billi l-Unjoni Ewropea, l-Istati Membri tagħha u s-sħab tagħhom urew solidarjetà mal-Ukrajna, billi pprovdew appoġġ militari, umanitarju u ekonomiku; billi, madankollu, huma jirrikonoxxu l-ħtieġa ta' sforzi intensifikati biex jirrispondu għas-sitwazzjoni li qed tevolvi;
- F. billi l-Grupp ta' Kuntatt għad-Difiża tal-Ukrajna jikkonsisti f'aktar minn 50 pajjiż tal-istess fehma u kellu rwol ċentrali fil-koordinazzjoni tal-appoġġ militari internazzjonali, b'enfasi fuq l-importanza ta' azzjoni kollettiva fid-difiża tad-demokrazija u tas-sovranià; billi b'kuntrast ma' dan, ir-Russja qed tiġi appoġġjata minn assi tar-reġimi totalitarji l-aktar awtokratiċi u atroċi, bħall-Korea ta' Fuq, l-Iran u s-Sirja; billi s-Segretarju Ġenerali tan-NATO Jens Stoltenberg iddikjara li l-membri tan-NATO jeħtiġilhom iħejju ruħhom għal konfrontazzjoni possibbli mar-Russja li tista' ddum għexieren ta' snin;
- G. billi l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kellha l-konsegwenza diretta li l-Finlandja u l-Iżvezja applikaw għas-sħubija fin-NATO, l-Ukrajna, il-Moldova u l-Georgia japplikaw għas-sħubija fl-UE, it-twassil ta' pakketti ta' assistenza ta' sigurtà robusti lill-Ukrajna minn aktar minn 50 pajjiż, u appoġġ politiku qawwi għall-Ukrajna qed jiġi espress fin-NU, li jwassal biex ir-Russja ma tkunx tista' tilħaq l-għan tagħha li timponi mill-ġdid oqsma ta' influwenza, tirrikatta l-Punent u teqred l-ordni internazzjonali bbażata fuq ir-regoli;
- H. billi n-NATO u l-alleati ewlenin, speċjalment l-Istati Uniti u r-Renju Unit, kellhom rwol kruċjali fil-koordinazzjoni u fit-tmexxija tal-isforzi biex l-Ukrajna tiġi appoġġjata mill-aspett militari, mhux biss bl-armi, il-munizzjon u t-tagħmir, iżda wkoll bl-intelligence u d-data; billi l-gwerra ta' aggressjoni li għaddejjja tkompli tikkonferma li l-aktar pajjiż importanti għas-sigurtà Ewropea għadu l-Istati Uniti, hekk kif il-gwerra qed tkompli tiżvela nuqqasijiet profondi u inaċċettabbli fil-kapaċità tal-Ewropa li tiddefendi lilha nnifisha; billi dawn l-avvenimenti ssottolinjaw ir-rwol tal-Polonja bħala sieħeb li jgawdi rispettt tal-UE u tan-NATO u ċentru ewlieni għall-appoġġ lill-Ukrajna;
- I. billi s'issa l-UE adottat 13-il pakkett ta' sanzjonijiet kontra r-Russja; billi sanzjonijiet aktar b'saħħithom u aktar effettivi huma essenzjali biex iwaqqfu l-azzjonijiet aggressivi tagħha u jappoġġjaw riżoluzzjoni paċifika għall-kunflitt;
- J. billi l-istabbiliment ta' tribunal speċjali għall-prosekuzzjoni ta' dawk responsabbli għall-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna huwa essenzjali biex jinżamm id-dritt internazzjonali u biex issir ġustizzja mal-vittmi;

- K. billi l-politiki preċedenti fil-konfront tal-Federazzjoni Russa naqsu milli jwaqqfu l-imperjaliżmu tagħha u rriżultaw biss fi gwerer ta' aggressjoni dejjem aktar qerrieda, b'tali mod li kwalunkwe ħaġa li ma tidhirx li hija ta' rebħa għall-Ukrajna tkun rizzultat intollerabbli għall-paċi internazzjonali, għad-drittijiet tal-bniedem u għad-demokrazija;
- L. billi huwa stmat li l-UE u sħab oħra ffriżaw EUR 300 biljun mir-riżervi tal-banek ċentrali tar-Russja u EUR 21,5 biljun fi flus ta' oligarki Russi, filwaqt li l-Istati Uniti u l-alleati l-oħra tal-Punent imblukkaw jew ħatfu aktar minn USD 58 biljun f'assi li huma proprjetà ta' Russi sanzjonati jew ikkontrollati minnhom;
- M. billi d-deċiżjoni mir-Repubblika Iżlamika tal-Iran li tipprovdi lir-Russja b'eluf ta' droni Shahed kompliet issaħħa l-istatus tagħha bħala Stat pariah; billi r-Russja qed tkompli tirċievi appoġġ minn pajjiżi bħall-Korea ta' Fuq u ċ-Ċina; billi, minn Awwissu 2023, il-Korea ta' Fuq allegatament forniet aktar minn 2,5 miljun balla ta' munizzjon u armi oħra, li jkompli juri l-ostilità kbira tagħha għal-liġijiet u n-normi internazzjonali;
- N. billi r-Russja hija responsabbli għall-kriżi globali tas-sigurtà tal-ikel insegwitu tal-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna u għall-imblokk tagħha tal-portijiet marittimi Ukreni; billi r-Russja ilha tuża l-ikel u l-ġuħ bħala arma sa mill-bidu tal-gwerra; billi l-Kummissjoni ma indirizzatx kif xieraq ir-rispons tal-UE għall-kriżi istigata mir-Russja fis-suq agrikolu Ewropew, li hija waħda mir-raġunijiet għall-protesti mill-bdiewa Ewropej; billi l-esportazzjonijiet taċ-ċereali Russi lejn l-UE, u t-tranżitu tagħhom minn ġol-portijiet Ewropej, żdiedu u huma l-kawża tal-instabbiltà attwali;
- E. billi l-gwerra kellha wkoll impatt fuq l-UE u fuq pajjiżi oħra u wasslet għal żieda qawwija fil-prezzijiet tal-enerġija u fl-inflazzjoni, bil-pajjiżi Ewropej ġirien ikollhom jerfġu l-akbar piż f'termini ta' għajjnuna umanitarja u l-ispiża tal-akkoljenza tar-rifugiati;
- P. billi bosta atturi internazzjonali rrikonoxxew lir-Russja bħala sponsor statali tat-terroriżmu u stat li juża mezzi ta' terroriżmu, u issa dan għandu jiġi segwit b'miżuri konkreti; billi sakemm ir-Russja tibqa' Stat imperjali, se tkompli tirrappreżenta theddida dejjem preżenti ta' aggressjoni fil-kontinent Ewropew, u ma hemm l-ebda raġuni biex wieħed jemmen li s-suċċessur ta' Vladimir Putin se jkun b'xi mod aktar paċifiku;
- Q. billi fit-28 ta' Frar 2022, l-Ukrajna applikat għas-sħubija fl-UE u fit-23 ta' Ġunju 2022, il-Kunsill Ewropew ta l-istatus ta' kandidat lill-Ukrajna;
1. Itenni l-appoġġ sod tiegħu għall-indipendenza, għas-sovranità u għall-integrità territorjali tal-Ukrajna fil-fruntieri tagħha rikonoxxuti internazzjonalment; itenni bl-akbar determinazzjoni l-kundanna tiegħu tal-gwerra ta' aggressjoni illegali, mhux provokata u inġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna; jitlob li r-Russja u l-forzi bi prokura tagħha jwaqqfu l-azzjonijiet militari kollha, b'mod partikolari l-attakki tagħhom kontra ż-żoni residenzjali u l-infrastruttura ċivili, u jitlob li r-Russja tirtira l-forzi militari, l-alleati u t-tagħmir militari kollha mit-territorju kollu tal-Ukrajna rikonoxxut fuq livell internazzjonali;
  2. Jafferma mill-ġdid is-solidarjetà soda tiegħu mal-poplu tal-Ukrajna, li qiegħed ikompli juri kuraġġ, unità u reżiljenza liema bħalhom fil-livelli kollha – mit-tmexxija politika sal-forzi armati u ċittadini individwali – taħt theddid u attakki bla heda mill-24 ta' Frar

2022 sal-lum u matul l-aħħar disa' snin ta' aggressjoni Russa; ifakkar li l-Ukreni mhux biss jiġġieldu għal-libertà tagħhom stess, iżda wkoll biex jiżguraw il-ħelsien ta' pajjiżi Ewropej oħra mill-imperjaliżmu Russu; jikkundanna, bl-aktar mod qawwi, l-okkupazzjoni illegali u l-okkupazzjoni tal-Krimea, tad-Donbas, tal-Luhanska u ta' parti mir-reġjun ta' Kherson; jenfasizza li l-azzjonijiet tar-Russja, inklużi l-koskritti illeċiti, id-deportazzjonijiet, il-ħtif ta' persuni, is-sekwestri ta' persuni, inkluż ta' ġurnalisti, ta' difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u ta' avukati, ir-Russifikazzjoni u t-tentattivi biex tinbidel b'mod furzat il-kompożizzjoni demografika tal-popolazzjoni, jikkostitwixxu atti ta' ġenoċidju, kif deskritt b'mod espliċitu fil-Konvenzjoni dwar il-Ġenoċidju;

3. jissottolinja li, 10 snin wara l-bidu tal-aggressjoni tar-Russja u sentejn wara l-invażjoni fuq skala sħiħa tagħha, l-għanijiet tal-alleati tal-Punent tal-Ukrajna jibqgħu l-istess, u jinkludu l-kollass militari tal-forzi Russi u l-alleati tagħhom fl-Ukrajna, li se jippermetti lil Kiev terġa' tistabbilixxi bis-sħiħ l-integrità territorjali tagħha, tiżgura li r-Russja tħallas kumpens lill-Ukrajna għat-tbatija kbira li kkawżat, tiżgura li l-imperjaliżmu Russu jinqered darba għal dejjem biex ma jerġax jitfaċċa u tressaq quddiem il-ġustizzja lil dawk responsabbli għall-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna u għad-delitti li jkunu wettqu, inkluż lil Vladimir Putin u lil Aliaksandr Lukashenka, kif ukoll lil kriminali tal-gwerra fi gradi inferjuri tal-Gvern Russu, il-forzi armati Russi u l-proxies tagħhom;
4. Iħeġġeġ bil-qawwa lill-Punent kollu biex iwarrab kwalunkwe restrizzjoni imposta minnu stess u jżid u jħaffef l-assistenza finanzjarja u militari lill-Ukrajna; jitlob il-varar immedjat ta' tagħmir modern, armi u sistemi ta' difiża tal-ajru u mill-wieċ għall-wieċ tal-ġenerazzjoni li jmiss, inkluża s-sistema Taurus, kif ukoll munizzjon li huwa tant meħtieġ; jappella għal investimenti akbar u sistematiċi sabiex tiżdied il-produzzjoni tal-armi u l-munizzjon fl-Ewropa u fost is-sħab tas-sigurtà tal-enerġija; jenfasizza l-interessi konverġenti tal-industrija tad-difiża Ewropea u dik Ukrena f'kollaborazzjoni mill-qrib, inkluża l-koproduzzjoni, b'mod partikolari b'appoġġ għall-kapaċità tad-difiża tal-Ukrajna kontra l-gwerra ġenoċidali tar-Russja;
5. Ifaħħar lill-Grupp ta' Kuntatt għad-Difiża tal-Ukrajna għar-rwol vitali tiegħu fil-koordinazzjoni tal-appoġġ internazzjonali u jħeġġeġ lill-Istati Membri tal-UE jżidu l-kontribuzzjonijiet tagħhom biex isaħħu l-kapaċitajiet tad-difiża tal-Ukrajna;
6. Jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-UE għadha wettqitx il-wegħda tagħha li twassal miljun balla ta' munizzjoni lill-Ukrajna; ifakkar li l-Ukrajna teħtieġ madwar 240 000 balla fix-xahar u li anke l-miljun balla mwiegħda jkunu jkopru biss kwart tal-ħtiġijiet annwali tal-armata Ukrena; jitlob li l-UE u l-Istati Membri tagħha jkunu saħansitra aktar ambizzjużi fl-għanijiet tagħhom għall-2024 u l-2025; jirrimarka li r-Russja waħedha se tipproduċi miljun balla fl-2024 u sa tliet miljun fl-2025, minkejja sanzjonijiet ekonomiċi;
7. Jissottolinja li nuqqas ta' għajnuna militari aktar deċiżiva u sostanzjali mill-Punent sempliċement se jħeġġeġ lir-Russja biex tkompli l-aggressjoni tagħha; jinnota li l-aggressjoni Russa wriet b'mod ċar ir-rwol tan-NATO bħala l-garanti primarju tas-sigurtà Ewropea; jissottolinja li, wara l-adeżjoni tal-Iżvezja u tal-Finlandja, erba' Membri tal-UE biss mhumieq alleati tan-NATO, jiġifieri l-Awstrija, Ċipru, l-Irlanda u Malta; jitlob lill-Istati Membri tal-UE jżidu l-infiq tagħhom biex jilħqu tal-anqas il-limitu ta' 2 % u għal aktar komplementarjetà u anqas duplikazzjoni bejn l-UE u n-

NATO;

8. Jisħaq li, minkejja t-13-il pakkett ta' sanzjonijiet adottati mill-UE s'issa, ir-Russja għadha tista' tevitahom billi tibbaża fuq pajjiżi terzi; jitlob lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jtejbu s-sorveljanza tal-implimentazzjoni tas-sanzjonijiet u jiżviluppaw mekkaniżmu effettiv biex jillimitaw il-kapaċità tar-Russja li tevita s-sanzjonijiet; jesprimi t-tħassib serju tiegħu dwar il-kummerċ li għaddej ta' oġġetti sanzjonati li huma kritiċi għall-gwerra bejn l-Istati Membri u r-Russja;
9. ifakkar li l-ispejjeż li jgħibu magħhom l-aggressjoni, il-qerda u t-tbatija li għaddejjin minnhom il-poplu Ukren se jitħallsu direttament jew indirettament miċ-ċittadini kollha tal-Federazzjoni Russa; jissottolinja li l-għan għal żmien qasir tal-Punent kollu għandu jkun li jippermetti rebħa Ukrena, filwaqt li l-istrateġija fit-tul fil-konfront tar-Russja għandha tiffoka fuq id-deterrenza u tiżgura li kwalunkwe bidla fir-Russja tkun marbuta mal-anti-imperjaliżmu, mad-dekolonizzazzjoni u ma' qtugħ ċar mill-passat imperjali tagħha; huwa konxju mill-fatt li l-Ukrajna, li sfat b'għexieren ta' eluf ta' persuni mejta, għamlet dan, parzjalment, biex tiproteġi l-indipendenza u d-demokrazija Ewropej;
10. Ifakkar lin-negozji, lill-individwi, lill-istituzzjonijiet finanzjarji u lil oħrajn li joperaw fil-ktajjen tal-valur marbuta mal-Federazzjoni Russa, jew iż-żoni li tokkupa fl-Ukrajna, inklużi l-investituri, il-konsulenti, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi u l-fornituri ta' servizzi ta' diliġenza dovuta, li se jiffaċċjaw riskji operazzjonali, legali, ekonomiċi u reputazzjonali sinifikanti assoċjati mal-operazzjonijiet u mar-relazzjonijiet kummerċjali Russi tagħhom; iħeġġeġ lill-kumpaniji mill-UE u mill-pajjiżi kandidati u l-pajjiżi kandidati potenzjali tal-UE jwaqqfu l-operazzjonijiet tagħhom fir-Russja u jeżerċitaw diliġenza partikolari meta jesportaw oġġetti li huma pprojbiti milli jiġu esportati lejn ir-Russja; jenfasizza li l-kumpaniji tal-UE u s-sussidjarji tagħhom li jinstabu li qed jiksru l-miżuri restrittivi tal-UE għandhom ikunu ineliġibbli għall-finanzjament, inkluż għal offerti u forom oħra ta' finanzjament bħala parti mill-Faċilità għall-Ukrajna u għal programmi oħra ta' rikostruzzjoni fl-Ukrajna;
11. Jitlob li jiġu applikati wkoll sanzjonijiet għal dawk il-pajjiżi li volontarjament jalimentaw il-magna tal-gwerra Russa, jipprovdu tagħmir u munizzjon lill-aggressur jew jaġevolaw iċ-ċirkomvenzjoni tas-sanzjonijiet;
12. Jilqa' l-azzjonijiet ta' suċċess tal-Ukrajna li reġġu fetħu r-rotta tal-Baħar l-Iswed biex iċ-ċereali Ukreni jkunu jistgħu jaslu fis-swieq tradizzjonali tagħhom; jistieden lill-komunità internazzjonali tiżgura b'mod permanenti dawn il-kisbiet u l-libertà tan-navigazzjoni fil-Baħar l-Iswed għal skopijiet kummerċjali; jitlob li jiġi stabbilit grupp ta' kuntatt agrikolu ekwivalenti għall-Grupp ta' Kuntatt għad-Difiża tal-Ukrajna ("Ramstein agrikolu") sabiex jittratta l-kriżi tal-ikel u l-instabbiltà tas-suq ikkawżata mill-invażjoni Russa, li l-awtoritajiet Ewropej ma indirizzawx kif xieraq; jitlob lill-UE, lill-Istati Membri tagħha, lill-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agricoltura, lill-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi u lil partijiet ikkonċernati rilevanti oħra biex jesprimu solidarjetà akbar, jistabbilizzaw is-suq, iwaqqfu l-importazzjonijiet u t-tranżitu taċ-ċereali Russi, jistabbilixxu miżuri effettivi għall-monitoraġġ tat-tranżitu tal-prodotti agrikoli Ukreni u jintroduċu miżuri biex itaffu l-effetti fuq il-bdiewa Ewropej, li l-protesti u d-domandi raġonevoli tagħhom qed jiġu sfruttati u mmirati wkoll mid-diżinformazzjoni Russa;



13. Iħeġġeġ lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna jwettaq kampanja biex jesponi r-realtajiet tal-kolonjaliżmu, l-imperjaliżmu u r-razziżmu Russi lin-Nofsinhar Globali;
14. Itenni l-appell tiegħu lill-Istati Membri u lill-komunità internazzjonali biex jistabbilixxu b'mod urġenti tribunali kriminali internazzjonali *ad hoc* speċjali, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Ukrajna, biex jinwestiga u jipprosegwixxi d-delitt ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna u jressaq lill-awturi quddiem il-ġustizzja, filwaqt li jitqiesu l-limitazzjonijiet tal-oqfsa legali internazzjonali eżistenti li jirregolaw il-ħolqien ta' tribunali u dwar il-ġudizzju tad-delitt ta' aggressjoni; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jipprovdu appoġġ finanzjarju, ġuridiku u kull appoġġ ieħor meħtieġ lit-tribunal ladarba dan ikun ġie stabbilit;
15. Jissottolinja li ma jista' jkun hemm l-ebda impunità għad-delitt ta' aggressjoni u li l-instigaturi u l-awturi tal-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna – il-President tal-Federazzjoni Russa, Vladimir Putin, il-President tal-Belarużja, Aliaksandr Lukashenka, il-Ministru għall-Affarijiet Barranin tal-Federazzjoni Russa, Sergey Lavrov, u l-Ministru għad-Difiża tal-Federazzjoni Russa, Sergei Shoigu – kif ukoll daww kollha involuti fl-ippjanar, it-tnejn, il-bidu jew it-twettiq tal-gwerra kontra l-Ukrajna għandhom jitressqu quddiem il-ġustizzja internazzjonali u mhumiex intitolati għal immunità personali;
16. Jikkundanna l-prattika tar-Rużja li timblokka kwalunkwe azzjoni fil-livell tan-NU li jkollha l-għan li żżommha responsabbli għall-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna; jistieden lill-Istati Membri kollha tan-NU jieħdu azzjoni, filwaqt li jqisu l-fatt li l-Federazzjoni Russa, bil-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna, kisret b'mod sever il-pedamenti tal-Karta tan-NU, biex jirrevokaw is-setgħat ta' veto tar-Rużja fil-Kunsill tas-Sigurtà u biex ikeċċu lir-Rużja min-NU, u jimitaw it-tkeċċija tal-USSR mil-Lega tan-Nazzjonijiet fl-1939 wara l-aggressjoni tal-Unjoni tar-Repubbliki Soċjalisti Sovjetiċi kontra l-Polonja u l-Finlandja;
17. Itenni t-twemmin sod tiegħu li l-bini mill-ġdid tal-Ukrajna għandu jiġi ffinanzjat mir-Rużja, peress li l-awtur tal-aggressjoni għandu jħallas għad-delitti tal-gwerra tiegħu; jitlob lill-UE u lill-Istati Membri tagħha, flimkien ma' sħab tal-istess fehma, jistabbilixxu wkoll b'mod urġenti strument legali li jippermetti li l-assi u l-fondi Russi ffriżati jiġu kkonfiskati sabiex ikunu jistgħu jintużaw għar-rikostruzzjoni tal-Ukrajna; jitlob, bl-istess mod, li jiġi previst mekkaniżmu biex il-Federazzjoni Russa tħallas reparazzjonijiet fit-tul lill-Ukrajna;
18. Jappoġġja l-idea li tinholq missjoni navali internazzjonali fil-Baħar l-Iswed bil-għan li jiġu żgurati kurituri tat-trasport lejn u mill-Ukrajna, speċjalment għall-esportazzjoni taċ-ċereali Ukreni;
19. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, lill-Kunsill tal-Ewropa, lill-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa, lill-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għad-Drittijiet tal-Bniedem, lill-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati, lill-Kumitat Internazzjonali

tas-Salib l-Aħmar, lill-Qorti Kriminali Internazzjonali, lill-President, lill-Gvern u lill-Parlament tal-Federazzjoni Russa, u lill-President, lill-Gvern u lill-Parlament tal-Ukrajna.